**9 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Salvatore Delia

*versus*

Alfred Galea et.

**Inġurja — Difett Fiżiku — "Animus Injuriandi".**

*Normalment, jekk lil persuna jiġi obbjettat difett fiżiku, jista' jkun hemm inġurja; iżda dan ma hux il-każ meta jonqos l-"animus injuriandi", bħal meta wieħed juri d-dispjaċir tiegħu lil persuna oħra, li fil-waqt li kien qiegħed jieqaf magħha u jgħinna, din il-persuna kienet retiċenti miegħu dwar xi ċirkustanza ta' mard li seta' jesponilu lit-tfal għar-riskju ta' xi kontaġju. Dan aktar u aktar meta huwa ma jeċċedix fl-espressjoni ta' dan id-dispjaċir tiegħu, u ma jfittex malizzjożament xi pubbliċità, u lanqas juża xi kliem offensiv mhux neċessarju, imma jżomm ruħu fil-limiti ta' lament ġustifikat.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-kwerelant talli f'dawn l-aħħar tliet xhur il-kwerelati nġurjaw lill-kwerelanti f'Birżebbuġa;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-10 ta' Awissu 1961, li biha sabet lill-kwerelati ħatja skond l-imputazzjoni, u ordnat li kull wieħed u waħda minnhom jiġu liberati bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tliet xhur a tenur tal-art. 9 tal-Att XII tal-1957, u kkundannathom iħallsu l-ispejjeż;

Rat ir-rikors tal-kwerelati, li bih appellaw u talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li huma jiġu assolti; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat.

Dan hu każ ftit u xejn pjetus. Il-kwerelant kien ġie minn barra minn Malta, u kien mar joqgħod viċin fejn joqgħodu l-kwerelati. Peress li kien waħdu dawn kienu jgħinuh f'diversi manjieri, kif hu stess jirrikonoxxi. Il-kontendenti saru, għalhekk, ħbieb u midħla ta' xulxin, u t-tfal żagħar tal-kwerelati kienu jibbazzikaw kontinwament miegħu u hu kien jagħtihom xi ħelu. Il-kwerelati kienu jisilfuh utensili biex isajjar fihom għalieh. Wara xi żmien il-kwerelati skoprew, in segwitu għal ħass ħażin li kien taħ il-kwerelant, li dan kien marid minn żmien, u ċ-ċirkustanzi kienu tali li l-kwerelati, mhux bit-tort, beżgħu minn xi kontaġju fl-imgħoddi, partikularment għat-tfal, stante din l-intimità li kienet żviluppat ruħha bejniethom, u li, milli jidher, kienet predominantement ta' karattru assistenzjali għall-kwerelant bla nteressi;

Jirriżulta li meta l-kwerelant ġie lura mill-Isptar, il-kwerelati lmentaw mal-kwerelant li hu ma kienx qalilhom b'xejn li kien marid, u ntant, bil-frekwenza tiegħu fid-dar tagħhom, bl-użu tal-utensili tagħhom, bl-għoti tal-ħelu lit-tfal, u b'manjieri oħra kien qiegħed jipperikola s-saħħa ta' dawn it-tfal b'xi kontaġju;

F'dan l-ilment tal-kwerelati il-kwerelant jirravviża l-inġurja;

Normalment, jekk lil persuna jiġi obbjettat difett fiżiku jista' jkun hemm inġurja. Iżda dan il-każ jiddifferixxi minn din l-ipotesi. Ma jistgħax raġjonevolment jingħad li l-animu tal-kwerelati kien dak li joffendu lill-kwerelant, imma verosimilment kien dak li jesprimu d-dispjaċir tagħhom li, fil-waqt li huma kienu qegħdin jieqfu mal-kwerelant, dan bir-retiċenza tiegħu dwar iċ-ċirkustanza tal-marda, kien qiegħed jesponilhom lit-tfal għar-riskju ta' xi

kontaġju. Probabbilment, il-kwerelant ma kienx retiċenti minħabba xi malinjità, imma għax ma xtaqx, kif kien naturali, li jitlef il-ħbieberija u l-għajnuna tal-kwerelati. Minn naħa l-oħra, kien kapibbli li dawn jiddispjaċihom u li jesprimu d-dispjaċir tagħhom;

Ma jidherx li f'dan huma eċċedew kwantu għall-mod. Ma jidherx li fittxew malizzjożament xi publiċità, u lanqas jidher li huma użaw xi kliem offensiv mhux neċessarju għall-iskop tagħhom, iżda żammew ruħhom fil-limiti ta' lment ġustifikat. Hu risaput li "injuria ex affectu facientis consistit", u ċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ jeskludu l-"animus injuriandi";

Indubbjament, kien ikun aħjar kieku din il-kawża ma ġiet intavolata xejn;

Għal dawn ir-raġunijiet t'ddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-kwerelati appellanti mhux ħatjin tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħhom, u tilliberahom; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kwerelant. Drittijiet tad-difensuri "uti infra": Seduta 30.9.61 — 7s.6d; seduta 11.11.61 — 12s.; seduta odjerna 10s.